# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ
L-AKKADEMJA TAL-MALTI

ĠUNJU
1974


## *EDITORJAL:*

# "IL-MALTI" U L-KULTURA

IR-RIVISTA "Il-Malti" daħlet fil-50 sena tal-pubblikazzjoni tagħha. Matul dawn is-snin hi wasslet il-messaġġ tagħha, dgħajjef għall-bidu, imma li baqa' dejjem jitqawwa kulma jmur tul iż-żmien sakemm il-Malti ħa l-post li kien jixraqlu, l-istudju tal-Malti infirex u l-letteratura Maltija tħawlet, nibtet u rabbiet l-għeruq. Illum l-Akkademja tal-Malti bir-rivista tagħha tista' tkanta l-innu tar-rebħa u tagħmel il-qalb ħalli tissokta l-ħidma siewja tagħha.

L-għan tar-rivista "Il-Malti" hu li tħares l-interessi tal-Malti, li t'eħu ħsieb li l-ortografija li bdiet l-Akkademja għall-uniformità tal-kitba ma titmessx minn idejn mhux esperti u li xxerred il-letteratura u l-kultura Maltija.

B'riħet l-Akkademja llum għandna ortografija li minkejja n-nuqqasijiet tagħha tat uniformità lill-kitba tal-Malti u dewbet it-taħwid li kien isaltan qabel. It-"Tagħrif" li kienet ħarġet, illum qed jitgħarbel minn sotto-kumitat imwaqqaf minnha b'ex jimla l-vojt li nħoloq fl-ortografija mħabba l-kliem barrani li ddeffes u libes sura Maltija.

Jisgħob bina li smajna li xi wħud responsabbli għall-mudelli tat-*typewriters* li għandhom il-karattri Maltin tħajru jew qed jitħajru jħallu barra mit-tipi tal-magna t-tikka tal-ittra "ċ". Imma tradizzjoni ħekk qawwija mhux la kemm tarmija barra. Biżżejjed taħseb kemm mijiet ta' kotba llum huma stampati bl-ortografija li għandha t-tikka biex tintebaħ kemm hi vojta u barra minn lokha l-mossa li qed issir. Tkun qed toħloq it-taħwid li kellna qabel. Xogħol bħal dan mhux għal idejn id-dilettanti imma għal nies esperti bħalma qabbdet l-Akkademja dan l-aħħar.

B'riħet l-Akkademja wkoll li l-letteratura Maltija llum tista' tiftaħar b'xogħlijiet li ma jagħmlux għajb lill-ġens Malti. Barra li ħafna kittieba naqqxu għalihom isem fl-istorja tal-letteratura, illum qed

naraw ħafna żgħażagħ imħeġġa għal ilsien art twelidhom jiktbu b'sengħa kbira u jżejnu lsienna bix-xogħlijiet tagħhom. Li kieku llum wieħed kellu jagħmel għażla għaqlija mill-kitba li dehret f'dawn is-snin fir-rivista "Il-Malti" biss, kieku kien igħaqqad l-isbaħ antoloġija; ħsieb li forsi għad iseħħilna nwettqu. Aħseb u ara jekk tqis il-kotba ta' livell għoli li nkitbu sforz l-interess li qajmet l-Akkademja. Kienet ir-rivista li fetħet il-paġni tagħha fejn il-kittieba setgħu juru t-talent tagħhom.

Ir-rivista tilqa' fi ħdanha kitba, hi ta' min hi, jekk għandha livell għoli biżżejjed li jagħmel ġieh lill-Malti u jkabbar il-letteratura u l-kultura tagħna. Ma tidħirx fiha kitba biss għax kitibha dan jew dak li ismu llum ħa postu jekk il-kitba ma tlaħħaqx mal-livell tar-rivista u lanqas ma nbarru minnha lil dawk li għadhom bla isem fil-letteratura imma li l-kitba tagħhom tlaħħaq mal-livell. "Il-Malti" mhux miftuħ għal kulħadd imma għal kull kitba ta' livell għoli ta' kulħadd.

"Il-Malti" jfaħħar dak kollu li hu sabiħ u jilqgħu, jagħmillu l-qalb u jmexxih, waqt li jeħodha kontra dak kollu li jwaqqa' l-ġieh tal-Malti u jbaxxi l-livell tal-kultura tagħna.

L-Akkademja tieħu pjaċir u tilqa' bil-ferħa kull studju serju u pubblikazzjonijiet bil-Malti fuq kull suġġett li jgħollu l-kultura Maltija. L-Akkademja mhix biss biex tgħallem kif jinkiteb il-Malti kif xi wħud jaħsbu imma li tmexxi, tħeġġeġ u tqawwi l-qalb lil kull min jagħmel ġieh lil art twelidu permezz tal-kitba Maltija li tista' tkun fl-oqsma kollha tal-kultura, ibda mil-letteratura sax-xjenza jew mill-mużika sal-filosofija u t-teoloġija.

B'dan l-ideal dħalna li mmexxu r-rivista għad li fi żmien diffiċli u mwiegħer imħabba d-diffikultajiet ta' l-istampa u l-karta. Imma jekk insibu l-għajnuna nibqgħu mixjin 'il quddiem. Ix-xewqa tagħna mhix biss li nwasslu kitba siewja u fejjieda lill-qarrejja imma li nwassluhielhom ta' spiss ukoll. Forsi għad jasal iż-żmien ukoll li dan iseħħilna u ma jdumx.